MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
GABRIELLA VELLA**

Seduta ta' l-14 ta' Jannar, 2011

Avviz Numru. 445/2001/1

**Topcar Limited**

**Vs**

**Maria Grima Baldacchino**

**Il-Qorti,**

Rat l-Avvizipprezentat mis-socjetà attrici permezz ta' liema titlob li l-konvenuta tigi ikkundannata thallas is-somma ta' tlett mija u sittin Lira Maltija u disghin centezmu (Lm360.90), illum ekwivalenti ghal €840.67, rapprezentanti bilanc fuq panel beating, xiri ta' spare parts u spray li sar mis-socjetà attrici b'inkarigu tal-konvenuta fuq il-karozza Opel Corsa Numru ta' Registrazzjoni FUN-001 u fuq diversi karozzi ohra, bl-imghax legali u bl-ispejjez, komprizi Lm6 (€13.97) ta' l-ittra legali ta' l-14 ta' Marzu 2001, kontra l-konvenuta;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenuta permezz ta' liema teccepixxi li: (i) il-pretensjonijiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li l-ammont li qed jigi pretiz ma huwiex dovut; (ii) minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, il-vettura Opel Corsa bin-Numru tar-Registrazzjoni FUN-001 ma hijiex proprjetà taghha; u (iii) minghajr pregudizzju ghal dawn l-eccezzjoniijet, hija dejjem hallset ghax-xoghlijiet li sarulha u ma ghandha ebda bilanc pendenti;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet Ulterjuri tal-konvenuta permezz ta' liema eccepiet il-preskrizzjoni a tenur ta' l-Artikolu 2148(a) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta u rat is-sentenza ta' din il-Qorti datata 6 ta' April 2005 bis-sahha ta' liema din l-eccezzjoni giet michuda, bl-ispejjez riservati, u gie ordnat li l-kawza titkompla sabiex tigi deciza fil-mertu;

Semghet ix-xhieda ta' Sergio Camilleri, rapprezentant tas-socjetà attrici, waqt is-seduta tal-31 ta' Mejju 2002[1] u rat id-dokument, ossia prospett, esebit minnu a fol. 19 tal-process; semghet ix-xhieda tal-konvenuta waqt is-seduta tad-19 ta' Novembru 2002[2] u rat id-dokument esebit minnha a fol. 25 tal-process; semghet ix-xhieda ta' Brian Farrugia, rapprezentant ta' l-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta, waqt is-seduta tat-30 ta' Mejju 2007[3] u rat id-dokumenti esebiti minnu a fol. 60 sa' 70 tal-process;

Semghet it-trattazzjoni da parte tad-difensur tas-socjetà attrici;

**Ikkunsidrat:**

Bl-azzjoni odjerna s-socjetà attrici titlob li l-konvenuta tigi kkundannata thallasha is-somma ta' Lm360.90 (€840.67) rapprezentanti bilanc fuq xoghlijiet ta' panel beating, xiri ta' spare parts u spray li sar minnha fuq inkarigu tal-konvenuta fuq il-karozza Opel Corsa Numru ta' Registrazzjoni FUN-001 u fuq diversi karozzi ohra.

[1] Fol. 17 sa' 18 tal-process.
[2] Fol. 21 sa' 24 tal-process.
[3] Fol. 58 sa' 59 tal-process.

In risposta ghall-azzjoni attrici oltre l-kontestazzjoni generika li t-talba attrici ghandha tigi michuda ghaliex hija infondata fil-fatt u fid-dritt, il-konvenuta teccepixxi b’mod specifiku li ebda ammont ma huwa dovut minnha lis-socjetà attrici ghaliex il-vettura Opel Corsa bin-Numru tar-Registrazzjoni FUN-001 ma hijiex proprjetà taghha **u** ghaliex ghax-xoghlijiet li saru lilha hi dejjem hallset ghalihom.

Huwa principju assodat fis-sistema guridika nostrali li f’azzjoni ghall-hlas ta’ kreditu l-kreditur ghandu jipprova b’mod adegwat l-allegazzjoni centrali tieghu u cioè li l-konvenut huwa effettivament debitur tieghu[4]. Izda, huwa principju guridiku daqstant iehor assodat illi meta l-konvenut ma jistrihx biss fuq il-kontestazzjoni generika tal-pretensjonijiet attrici imma jikkontrapponi difiza ben artikolata ghall-istess, hekk kif qed taghmel il-konvenuta fl-azzjoni odjerna, jinsorgi fih ukoll l-obbligu li jgib ‘il quddiem prova dimostrattiva a tenur ta’ l-Artikolu 562 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta bil-konsegwenzi relattivi f’kaz ta’ prova insufficjenti jew insodisfacenti[5].

In sostenn tat-talba taghha s-socjetà attrici ressqet bhala xhud lil Sergio Camilleri[6] u pprezentat prospett (fol.19 tal-process) fejn hemm indikati l-vetturi u oggetti, senjatament tlett airconditioning units, li fuqhom saru x-xoghlijiet, ix-xoghlijiet effettivament esegwiti u l-valuri relattivi ghalihom. Jigi mill-ewwel rilevat illi l-konvenuta mhux qed tikkontesta l-fatt li gew esegwiti x-xoghlijiet fuq il-vetturi u airconditioning units indikati fil-prospett u lanqas qed tikkontesta l-*quantum* tal-valur tax-xoghlijiet, anzi tirrikonoxxi li ghal uhud minn dawn ix-xoghlijiet – senjatament ix-xoghol li sar fuq il-vettura Pajero Mitsubishi bin-Numru tar-Registrazzjoni DAI-527, fuq il-mutur Piaggio Vespa u fuq it-tlett aircondtioning units – ir-responsabilità ghall-hlas kienet taghha. Il-kontestazzjoni

4 **Joseph Camilleri v. Emanuel Calleja, Appell Civili Nru. 554/00** deciza mill-Qorti ta’ l-Appell (Sede Inferjuri) fl-20 ta’ Jannar 2003.
5 **Mario Mifsud v. Carmelo Mifsud, Appell Civili Nru. 1536/99** deciza mill-Qorti ta’ l-Appell (Sede Inferjuri) fit-12 ta’ Novembru 2003.
6 Vide xhieda moghtija waqt is-seduta tal-31 ta’ Mejju 2002, fol. 17 u 18 tal-process.

taghha hi fis-sens li ma ghandhiex thallas ghax-xoghol li sar fuq il-vettura Opel Corsa bin-Numru tar-Registrazzjoni FUN-001 ghaliex ma hijiex di proprjetà taghha u li fi kwalunkwe kaz ebda ammont ma hu minna dovut lis-socjetà attrici ghaliex b'*cheque* mahrug fl-4 ta' April 2000, li ssarraf mis-socjetà attrici, hija kienet hallset lill-istess socjetà a saldu.

Fid-dawl ta' dan ghalhekk isegwi li jekk il-pretensjonijiet tal-konvenuta jirrizultaw ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt, tirrizulta li hi effettivament debitrici tas-socjetà attrici fl-ammont pretiz ta' Lm360.90 (€840.67).

Kif già rilevat il-konvenuta tikkontendi li ma hijiex responsabbli ghall-hlas tax-xoghol li sar fuq il-vettura Opel Corsa bin-Numru tar-Registrazzjoni FUN-001 ghaliex din ma hijiex di proprjetà taghha izda hija di proprjetà ta' binha Gordon Grima. Tikkondenti wkoll li l-vettura Opel Corsa bin-Numru tar-Registrazzjoni FUN-001 u l-vettura Opel Corsa bin-Numru tar-Registrazzjoni O-9878, ukoll indikata fil-prospett tas-socjetà attrici, huma l-istess vettura.

Mill-provi prodotti jirrizulta li din l-ahhar allegazzjoni tal-konvenuta, ossia li l-vettura Opel Corsa bin-Numru tar-Registrazzjoni FUN-001 u l-vettura Opel Corsa bin-Numru tar-Registrazzjoni O-9878 huma l-istess vettura, hija ghal kollox infondata fil-fatt u fid-dritt.

Brian Farrugia, rapprezentant ta' l-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta, xehed illi z-zewg vetturi msemmija ma humiex l-istess vettura: *mir-ricerka illi ghamilt, jirrizultali illi l-vettura FUN 001 hi ta' l-ghamla Opel Corsa u precedentement kellha n-numru tar-registrazzjoni O 9755. In rigward il-vettura l-ohra O 9878 … din hi wkoll Opel Corsa però prezentement registrata bin-numru EAH-523. Ghalhekk dawn iz-zewg vetturi huma differenti*[7]. Dak affermat minn Brian Farrugia jinsab konfermat mid-dokumenti esebiti minnu a fol. 60 sa' 70 tal-process.

[7] Xhieda moghtija minn Brian Farrugia waqt is-seduta tat-30 ta' Mejju 2007, fol. 58 sa' 59 tal-process.

Is-socjetà attrici tirribatti l-pretensjoni tal-konvenuta li ghax-xoghol li sar fuq il-vettura Opel Corsa bin-Numru tar-Registrazzjoni FUN-001 ma hijiex responsabbli hi ghaliex l-istess vettura mhux proprjetà taghha, billi tghid illi indipendentement minn min hu l-proprjetarju tal-vettura kienet il-konvenuta li nkarigatha taghmel ix-xoghol u ghalhekk hija responsabbli ghall-hlas.

Huwa principju guridiku assodat fis-sistema nostrali li *bhala punt ta' principju in materja ta' kontrattazzjonijiet jinsab pacifikament ricevut illi "hija haga minn lewn id-dinja li bniedem normalment jikkontratta ghalih innifsu sakemm ma jindikax li qieghed jikkontratta f'isem haddiehor jew jekk dan ma jindikahx espressament, il-kontraent l-iehor ikun ragonevolment jaf li jkun qieghed jikkontratta f'isem haddiehor (**Frank Cilia noe v. Charles Scicluna**, Qorti Kummerc, 27 ta' April 1992). Issokta jigi precizat illi "il-prova kontrarja naturalment kellha tispetta l-persuna li kien qed jidher f'isem u ghan-nom ta' haddiehor. Dan mhux biss kellu jipprova li hu kien qieghed jagixxi bhala mandatarju ta' haddiehor imma wkoll kellu jipprova illi tali fatt kien gie a konoxxenza tal-persuna li maghha jkun qieghed jikkontratta u dan sal-mument meta l-ftehim ikun gie finalizzat" – "**Lawrence Formosa et noe v. Silvio Felice"**, Appell. 6 ta' Ottubru 1999*[8]

Il-konvenuta ma tikkontestax il-fatt li kienet hi li kkontrattat mas-socjetà attrici fir-rigward ta' din il-vettura, izda ma ressqet ebda prova li sodisfacentement turi li fil-hin li kienet qed tikkontratta mas-socjetà attrici infurmatha li ma kenitx qed tikkontrattaha f'isimha personali izda ghan-nom ta' haddiehor, u cioè ta' binha Gordon Grima. Lanqas jista' jinghad li s-socjetà attrici setghet b'xi mod tkun taf li il-konvenuta ma kenitx qed tikkontratta f'isimha personali meta jidher li l-istess konvenuta kienet abitwalment tiehu vetturi mhux di proprjetà taghha ghand is-socjetà attrici biex isiru xoghlijiet fuqhom u kienet thallas ghal dawn ix-xoghlijiet hi stess; hekk per ezempju kif gara fil-kaz tal-mutur Piaggio Vespa indikat fl-prospett a fol.19 tal-process.

---

[8] **Cutrico Services Limited v. Marco Pace Parascandalo et, Appell Civili Nru. 1046/00**, deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fl-20 ta' Ottubru 2004.

Ladarba l-konvenuta ma zvelatx fil-mument opportun li kienet qed tikkontratta f'isem binha ma tistax issa ssostni li kienet bhala fatt qed tikkontratta f'ismu. Barra minhekk is-semplici fatt li l-vettura in kwistjoni ma hijiex di proprjetà taghha izda ta' binha mhux necessarjament ifisser li l-konvenuta kienet qed tikkontratta f'isem binha u mhux f'isimha personali. L-ispiegazzjonijiet possibbli huma diversi u ghalkemm ix-xoghlijiet gew esegwiti fuq il-vettura ta' Gordon Grima mhux necessarjament ifisser ukoll li dawn saru fuq istruzzjonijiet tieghu.

Jekk il-konvenuta ma haditx kura li adegwatament tgharraf lis-socjetà attrici li hi kienet biss semplici mandatarja ta' binha u di più naqset milli tipprova b'mod sodisfacenti l-fondament ta' l-eccezzjoni taghha, ma tistax tippretendi li hi mehlusa mill-obbligu taghha tal-hlas versu s-socjetà attrici bl-iskuza li tali hlas jispetta li jsir minn haddiehor u hux minnha.

In oltre kif osservat fis-sentenza fl-ismijiet **Cutrico Services Limited v. Marco Pace Parascandalo et, Appell Civili Nru. 1046/00**, deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fl-20 ta' Ottubru 2004, *jispetta lill-gudikant li jizen ic-cirkostanzi ta' kull kaz biex jasal ghall-konvinciment jekk kellux ikun jew le apparenti lill-kontraenti illi xi parti kienet qed tidher in rapprezentanza ta' haddiehor. Certi kazijiet huma ovvji ohrajn mhux daqstant ovvji. Fejn hemm dubbju però, wiehed kellu jipprezumi illi l-persuna li qed tikkontratta kienet hekk qed taghmel f'isimha proprju – **"Formosa noe v. Felice"**, Appell, 6 ta' Ottubru 1999.*

Il-konvenuta tikkontendi wkoll li fi kwalunke kaz ebda hlas ma hu dovut lis-socjetà attrici ghax-xoghol li sar fuq il-vettura Opel Corsa bin-Numru tar-Registrazzjoni FUN-001 ghaliex minhabba nuqqas tas-socjetà attrici ghax-xoghol li sar ma setghetx issir *claim* ma' l-Insurance.

F'dan ir-rigward il-konvenuta xehdet illi *hemm haga pendenti li jiena kont oggezzjonat ghaliha. Jiena oggezzjonajt ghal kont tal-Opel Corsa peress li*

*ippresentahuli wara tlett snin tal-incident relattiv. Fil-fatt dan il-kont ma kellux jippresentah lili izda lill-insurance tat-tifel jew lit-tifel tieghi. Jiena spjegajtlu li ma kelliex x'naqsam ma' dawn l-ispejjez però xorta wahda accettajt li mmur inkellem lil insurance Galdes and Mamo. Fil-fatt ghidtlu li jekk tal-insurance ihallsuna jiena naghtihomlu. Hawnhekk spiegawli li l-claim kienet antika hafna u l-file kien maghluq fl-arkivju. Però gejt assikurata li kieku Sergio Camilleri kien gab il-kont ta' Lm387.36 kien jithallas. Effettivament ma nafx kemm kien il-kont attwali. Qed nghid hekk ghax fil-kont a fol. 19 Sergio Camilleri nizzel din il-figura. Jiena lil Sergio Camilleri ghidtlu dak li qaluli Galdes and Mamo cioè li haslu idejhom. Ghalhekk ghidtlu li jiena personalment ma stajt naghmillu xejn ghax jiena ma kontx responsabbli ghall-hlas[9].*

Din l-allegazzjoni tal-konvenuta però ma giet minnha korroborata bl-ebda mod. Gordon Grima u/jew rapprezentant tas-socjetà assikuratrici, li setghu facilment jikkonfermaw dak minnha allegat, inspiegabilment ma gewx prodotti bhala xhieda u ghalhekk, fin-nuqqas ta' prova adegwata din l-allegazzjoni ma tistax titqies bhala wahda fondata.

Ezaminati u skartati bhala infondati dawn il-kontestazzjonijiet avvanzati mill-konvenuta, jehtieg issa tigi ezaminata l-kontestazzjoni l-ohra li ebda hlas ma hu dovut lis-socjetà attrici ghaliex il-pagament ta' Lm233.40 effettwat b'*cheque* datat 4 ta' April 2000, liema *cheque* issarraf mis-socjetà attrici, kien a saldu u mhux akkont kif allegat minn Sergio Camilleri.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Francis Ciantar pro et noe v. Norman Clews, Citaz. Nru. 1670/94** deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-12 ta' Ottubru 2005, inghad: *kif professat fis-sentenza riportata Vol. XLIII PII p624 "il-pagament jista' jigi provat bil-mezzi kollha ammessi u rikonoxxuti mid-dritt probatorju jigifieri bi provi diretti bhal dokumenti, xhieda u l-konfessjoni tal-kreditur, kif ukoll bi provi indiretti, bhalma huma l-prezunjonijiet u l-indizji*

[9] Xhieda moghtija mill-konvenuta waqt is-seduta tad-19 ta' Novembru 2002, fol. 22 u 23 tal-process.

*kapaci li jikkonvincu lill-gudikant"*; ghalkemm jista' jirrizulta inkontestat li l-pagament ikun sar *dan però ma jfissirx ukoll li tali hlas sar, kif kwalifikat mill-konvenut, "in full and final settlement"* partikolarment meta ma jigi esebit ebda dokument jew attribwita xi dikjarazzjoni maghmula mill-kreditur li sodisfacentement juru li l-istess kreditur kien sodisfatt ghal kollox bir-ricezzjoni tac-*cheque* ghall-ammont indikat fuqu; *huwa veru li cheque, una volta li jigi msarraf minn min jircevih, jikkostitwixxi rikonoxximent tal-pagament. Huwa wkoll veru li dan jikkostitwixxi konfessjoni da parti tal-kreditur versu d-debitur, u, allura wkoll, prova pjena tal-hlas specifiku ta' somma determinata. Daqstant iehor huwa veru illi l-interpreti ma ghandux jeccedi l-limiti ta' dik l-istess konfessjoni stabbilita bir-ricezzjoni u tisrif tac-cheque*; *in konformità mal-prattika kummercjali diffusa jekk tabilhaqq il-konvenut kellu l-intenzjoni li l-hlas b'dak ic-cheque kellu jkun wiehed finali, huwa messu insista ghal kwittanza shiha permezz ta' dokument jew ricevuta jew kitba xort' ohra attestanti r-ricezzjoni tal-hlas ghas-saldu u, allura wkoll, l-estinzjoni tad-debitu. Meta dan ma ghamlux ma jistax jippretendi li … din il-Qorti taccetta l-argoment illi ghax ic-cheque hu minnu nnifsu ricevuta dan kien jibbasta ghall-akkwist ta' dik ic-certezza morali tal-verità tal-pagament ghas-saldu*.

Minn dak enuncjat fl-imsemmija sentenza johrog car li s-semplici dikjarazzjoni tad-debitur li *cheque* mahrug minnu jkun inhareg *in full and final settlement* – kif qed taghmel il-konvenuta fil-kaz in ezami – ma hijiex wahedha prova sufficjenti li l-hlas b'dak ic-*cheque* effettivament sar a saldu anke jekk tali *cheque* ikun issarraf mill-kreditur. In oltre l-fatt li l-kreditur ma jkunx irrilaxxja ricevuta - kif qed tallega l-konvenuta fil-kaz in ezami – ma hijiex skuza sufficjenti biex tiggustifika n-nuqqas ta' dokument li b'mod inekwivoku jistabilixxi tali hlas a saldu billi d-debitur ghandu kull interess li jinsisti li jinghata kwittanza shiha permezz ta' dokument, ricevuta jew kitba forma ohra li tattesta r-ricezzjoni tal-hlas u l-konsegwenti estinzjoni tad-debitu.

Mir-rizultanzi processwali l-Qorti ma hijiex affattu konvinta li l-hlas tas-somma ta' Lm233.40 effettwat mill-konvenuta

bic-*cheque* bin-Numru 1034 datat 4 ta’ April 2000 kien hlas a saldu ta’ dak minnha dovut lis-socjetà attrici. Apparte l-fatt li l-fotokopja tal-mamma tac-*cheque* u tal-*bank statement* li juri li c-*cheque* issarraf ma humiex, ghar-ragunijiet appena moghtija, fihom infushom prova sufficjenti tal-hlas a saldu, din l-allegazzjoni tinsab kontradetta minn dak affermat mill-konvenuta stess fix-xhieda taghha waqt is-seduta tad-19 ta’ Novembru 2002, fejn ikkummentat fuq kull *item* imnizzel mis-socjetà attrici fil-prospett esebit a fol.19 tal-process.

Il-konvenuta tikkontendi li mill-*items* indikati fil-prospett esebit a fol. 19 tal-process hija kellha thallas ghax-xoghol fuq il-vettura Mitsubishi Pajero bin-Numru tar-Registrazzjoni DAI-527 ammontanti ghal Lm105.84 u ghax-xoghol fuq il-mutur Piaggio Vespa ammontanti ghal Lm16.10. Mix-xhieda taghha jirrizulta wkoll li l-hlas ghax-xoghol fuq it-tlett airconditioning units ammontanti ghal Lm60 kien dovut minnha wkoll billi finalment accettat u hadet dawn il-units minghand is-socjetà attrici. Ghalhekk l-ammont li *ex admissis* kien dovut mill-konvenuta lis-socjetà attrici kien jammonta ghal Lm181.94. Dan l-ammont però huwa ferm inqas mill-valur tac-*cheque* datat 4 ta’ April 2000 li kien ghas-somma ta’ Lm233.40 u ghaldaqstant ma huwiex kredibbli li l-istess inhareg a saldu ta’ dak dovut mill-konvenuta lis-socjetà attrici izda huwa iktar kredibbli dak affermat mis-socjetà attrici, u cioè li dan il-hlas sar akkont ta’ somma akbar dovuta lilha mill-konvenuta.

B’hekk anke din il-kontestazzjoni tal-konvenuta ghandha tigi skartata bhala ghal kollox infondata u ghandu konsegwentement jirrizulta li s-socjetà attrici hija gustifikata f’li tqis lill-konvenuta bhala debtirici taghha u tippretendi l-hlas tas-somma ta’ Lm360.90 (ekwivalenti ghal €840.67) minghandha.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti qieghda taqta’ u tiddeciedi billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta, tilqa’ t-talba attrici u tikkundanna l-konvenuta thallasha s-somma ta’ €840.67 (ekwivalenti ghal Lm360.90), bl-imghax legali dekoribbli mill-21 ta’ Mejju 2001 (id-data tal-prezentata ta’

l-Avviz) sad-data ta' l-effettiv pagament. L-ispejjez ta' dawn il-proceduri, inkluzi dawk relattivi ghall-eccezzjoni ulterjuri tal-preskrizzjoni ai termini ta' l-Artikolu 2148(a) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, michuda bis-sentenza ta' din il-Qorti pronuncjata fis-6 ta' April 2005, jibqghu a karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------